MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 93/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut C B zzewgu fil-25 ta' Marzu 1980, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet

serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fil-25 ta' Marzu 1980, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat bl-atti tal-kawza, C B ghazel li ma jwegibx, ghalkemm deher fil-Qorti waqt l-udjenza.

Rat l-affidavit tal-istess rikorrenti.

Semghet ix-xhieda tal-intimat in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti f’din il-kawza tibda biex taghmel xi osservazzjonijiet dovuti mill-mod ta’ kif tmexxiet il-kawza mill-partijiet.

L-initmat ghazel li jibqa’ kontumaci. Bhali tali, ma kellux il-jedd iressaq provi. Kellu l-jedd li jressaq sottomissjonijiet finali, ezercizzju dan li hu fil-fatt ghamel. Madanakollu, l-istess nota kienet referenza kontinwa ghall-fatti li ma rrizultaw minn imkien fl-atti tal-kawza u ghalhekk ftit li xejn kienet ta’ utilita’ ghall-pozizzjoni tal-istess intimat. Kien ikun ben divers kieku huwa rrisponda ghall-kawza u ressaq provi taghhom, dritt dan li huwa ghazel li ma jezercitax.

Osservazzjoni ohra li hi doveruza hija r-referenza ghall-principju li ghalih dawn il-Qrati f’dawn il-kawzi jaghmel referenza u cioe’ dak senjalat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006):

“*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*”

Dan qed jinghad partikolarment ghall-mod xejn felici li bih sar ir-rikors promotur tal-kawza fejn fil-korp kontenenti l-kawzali jissemmew il-vizzji tal-kunsens a tenur tal-Art. 19 (1) (c) (d) u (f), imbaghad fit-talba finali, ir-rikorrenti jaghmel l-elenku shih tal-provvedimenti tal-ligi rigwardanti vizzju tal-kunsens u jsemmi subincizi (a), (b), (c), (d) u (f).

Il-partijiet f'din il-kawza zzewgu ta' eta' zghira ftit xhur wara li kienu johorgu flimkien. Izzewgu bil-ghaggla wara r-rikorrenti harget tqila. Xi sena u nofs wara l-ewwel tarbija twieled ukoll binhom. Iz-zwieg sfaxxa u issa, tletin sena wara, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' ai termini tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Kap. 255.

L-unika prova li ressqet l-attrici kienet affidavit qasir taghha stess u xhieda in subizzjoni tal-intimat – ftit linji kollox. Minn dan, il-Qorti ma tislet ebda informazzjoni li tista' possibilment tregi l-allegazzjonijiet ta' vizzju tal-kunsens a tenur tas-subincizi (b), (c), (d) u (f) fuq imsemmija.

Ghar-rigward ta' vizzju tal-kunsens fuq imsemmi fis-subincizi (a) u cioe' f'kaz ta' vjolenza jew biza', il-Qorti tqis li lanqas hawn ma ngabu provi bizzejjed biex isostnu din l-allegazzjoni. L-uniku fatt li jaqblu dwaru l-partijiet huwa l-fatt tat-tqala qabel iz-zwieg. L-intimat, fix-xhieda tieghu, jghid li mhux minnu li lil niesha ma qaltilhomx hi ghaliex bezghet. Lanqas ma kkorrabora dak li qalet rigwardanti x-xewqat tieghu fil-konfront ta' ommu. Ir-rikorrenti ma ppruvax dak li tallega sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------